MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 647/2011

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Delia Elton (ID-73079 M) u b'digriet moghti nhar il-24 ta' Jannar 2012, l-atti gew trasfuzi f'isem Rose**
**Debattista bhala kuratrici tal-istess Elton Delia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi jigi dikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija hamsa u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€2,135.93c) in konnessjoni ma' diversi servizzi (*A/C 51053207*).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 457/11.

Ra d-dokumenti mehmuza u mmarkati bhala Dok.A sa Dok.E.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza, salv eccezzjonijiet ohra.

Ra l-verbal tas-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011, fejn gie dikjarat illi l-konvenut huwa interdett.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici datat 20 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu talbet illi l-atti jigu trasfuzi f'isem Rose Debattista fil-kwalita' taghha ta' kuratrici tal-konvenut; Ra d-digriet tieghu datat 24 ta' Jannar, 2012, li permezz tieghu t-talba giet milqugha, filwaqt illi ordna illi l-atti, kif korretti, ghandhom jigu notifikati mill-gdid.

Ra ir-risposta tal-kuratrici nomine li eccepiet illi, preliminarjament, illi l-konvenut gie interdett permezz ta' digriet tat-3 ta' Awissu, 2011, u dan peress li jbati minn kundizzjoni psikotika u mhuwiex kapaci jamministra hwejjgu jew transazzjonijiet l-iktar semplici; Illi l-kundizzjoni mentali tal-konvenut ilha tezisti sa minn twelidu; Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-kuntratt tas-27 ta' April, 2010 bejn Elton Delia u Mobisle Communications Limited huwa null u dan stante li l-konvenut ma jifhimx il-kuncett ta' kuntratt; Illi subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-konvenut ma fehemx dak li kien stipulat fil-kuntratt; Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-rikors tas-socjeta' attrici datat 17 ta' Mejju, 2013, u d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 20 ta' Mejju, 2013.

Semgha x-xhieda mressqa mis-socjeta' attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti li gew esebiti.

Ikkunsidra,

Illi mid-deposizzjoni li nghatat mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici rrizulta illi l-ammont mitlub f'din il-kawza jirraprezenta in kwantu ghal mitejn erbgha u tmenin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€284.23c) bhala uzu tas-servizz li tipprovdi s-socjeta' attrici, u dan kif jirrizulta mir-rendikont li gie pprezentat mal-Avviz tat-Talba u mmarkat bhala Dok. A. Illi minn dan ir-rendikont jirrizulta li l-konvenut ghamel uzu mis-servizz bejn Mejju 2010 sa Ottubru 2010. Il-bilanc, u cioe' l-ammont ta' elf tmien mija wiehed u hamsin ewro u sebghin centezmu (€1,851.70c), jirraprezentaw il-*cap value* tal-laptop computer li nghata mis-socjeta' attrici, u liema computer baqa' fil-pussess tal-konvenut, u dan minkejja l-fatt illi gie terminat il-kuntratt ezistenti bejn il-partijiet. Illi l-valur tal-laptop jirrizulta minn Dok. B mehmuz mal-Avviz tat-Talba. Illi la l-konvenut, u lanqas ebda persuna ohra ghan-nom tieghu, ma hallsu ebda parti mill-ammont mertu ta' din il-kawza, u ghalhekk l-ammont ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra,

Illi l-konvenut, tramite tar-risposta tieghu, ddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhux dovut, minghajr ma ta' ebda spjegazzjoni jew indikazzjoni ghalfejn dan l-ammont mhux dovut. Lanqas ma ressaq ebda provi in rigward.

Illi permezz tar-risposta li giet ipprezentata mill-kuratrici tal-konvenut, it-talba attrici giet ikkontesta in bazi ghall-fatt illi l-konvenut m'ghandux il-fakoltajiet mentali sabiex jidhol f'obbligazzjonijiet kontrattwali, u ghalhekk il-kuntratt li gie ffirmat minnu mas-socjeta' attrici huwa null. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-kuratrici tal-konvenut istitwit proceduri, flimkien ma' ohrajn, fil-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) sabiex il-konvenut, kif ukoll ommu, ghandhom jigu inabilitati. Illi din it-talba giet akkolta permezz ta' digriet li nghata fit-3 ta' Awissu, 2011, u liema digriet gie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fid-19 ta' Awissu, 2011.

Illi in forza tal-istess digriet, il-Qorti ordnat illi "... *ghal kwalsiasi ftehim oneruz u / jew gratuwitu b'valur li jaqbez is-somma ta' tlett mitt Euro (€300) [il-konvenut] ghandu jkun assistit mill-kuratrici hawn taht imsemmija.*" Illi salv ghal dawn il-proceduri, ma jirrizultax illi giet proposta ebda azzjoni sabiex il-kuntratt li gie ffirmat mill-konvenut mas-socjeta' attrici jigi dikjarat null u bla effett.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-kuntratt li sar bejn il-konvenut u s-socjeta' attrici, u li kopja tieghu giet ipprezentata mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala Dok.C, gie ffirmat fis-27 ta' April, 2010, u cioe' 'l fuq minn sena qabel ma l-konvenut gie dikjarat inabilitat. Illi l-azzjoni odjerna giet intavolata fil-5 ta' Awissu, 2011, u ghalhekk ftit taz-zmien qabel ma gie rez pubbliku, permezz tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, id-digriet tal-Onorabbli Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja) li permezz tieghu l-konvenut gie dikjarat inabilitat. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma kien hemm ebda irregolarita' fil-mod kif ipprocediet is-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut. Illi dan huwa oltre l-fatt illi ma giex ikkontestat bl-ebda mod mill-konvenut illi l-laptop mertu ta' din il-kawza gie kkonsenjat lilu mis-socjeta' attrici meta ffirma l-kuntratt relattiv, u li dan baqa' fil-pussess tieghu, u ghadu ghandu sal-lum. Illi ghalhekk, u gialadarba l-konvenut naqas milli jrodd lura l-apparat meta gie terminat il-kuntratt, u dan kif stipulat fi klawsola 13 (a) tal-istess kuntratt, allura necessarjament isegwi illi l-konvenut ghandu jhallas il-valur tal-laptop li baqa' fil-pussess tieghu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mija hamsa u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€2,135.93c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------